MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 518/2004

**Tabria Company Limited**

**vs**

**Michael Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2004 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa' mija u tmintax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm918.75) rappresentanti kera dovuta ghall-fond mikri lill-konvenut mis-socjeta attrici, 16, Ta' Xbiex Wharf, Ta' Xbiex u dana versu l-kera pattwiet ta' Lm525 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem. Il-konvenut ghandu ihallas ghall-iskadenzi tal-21 ta' Awissu 2002, 21 ta' Novembru 2002, 21 ta' Frar 2003, 21 ta' Mejju 2003, 21 ta' Awissu 2003, 21 ta' Novembru 2003 u 21 ta' Frar 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra legali datat 3 ta’ Marzu 2004 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ disa’ mija u tmintax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm918.75), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------